**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR. NOEL BARTOLO**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D.**

ILLUM 21 TA' FRAR 2022

**Il-Pulizija**
**(Spettur Lara Butters)**

**vs.**

**Rong Xie detentrici ta' Passaport Ciniz Numru E74233159**

**U**

**Deyu Jia detentrici ta' Passaport Ciniz Numru E83580623**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputati

**Rong Xie**, ta' 36 sena, Nazzjonalita Ciniza, bint Xie Ming Hua u Luo Chao Lian, imwieldaSichuan – China nhar it-13 ta' Gunju, 1987, prezentament bla residenza fissa, u detentrici ta' Passaport Ciniz Numru E74233159;

U

**Deyu Jia**, ta' 46 sena, Nazzjonalita Ciniza, bint Xie Ming Hua u Luo Chao Lian, imwieldaHubei – China nhar is-16 ta' Ottubru, 1978, prezentament bla residenza fissa, u detentrici ta' Passaport Ciniz Numru E83580623;

Akkuzati talli:

fl-20 ta’ Frar, 2022 u jew fil- jiem, gimghat jew xhur ta’ qabel din id-data gewwa dawn il-gzejjer;

1. Użaw jew kellhom fil-pussess taghhom xi Passaport, li huma kienu jafu li ġew iffalsifikati, imbiddlin jew li saru xi tibdil fihom (Kap 61, Sec 5 tal-Liġijiet ta’ Malta);

2. Għamlu falsifikazzjoni oħra jew xjentement għamlu użu minn xi dokumenti oħra iffalsifikati (Kap 9, Sec 189 tal-Liġijiet ta’ Malta);

Il-Qorti giet mitluba sabiex f’kaz ta’ htija tikkundanna lill-akkuzat ghal hlas ta’ spejjes li jkollhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti proċesswali kollha.

Semgħet, waqt is-seduta tallum, lill-imputati, tramite l-interpreti, jammettu l-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra taghhom u semgħethom jikkonfermaw l-ammissjoni taghhom anke wara li l-Qorti tagħthom żmien jikkunsidraw l-pożizzjoni taghhom,

Semgħet is-sottomissjonijiet dwar il-piena idonea li għandha tiġi nflitta fil-konfront tal-imputati u dana fir-rigward tal-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront taghhom.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputati ammettew l-imputazzjonijiet kollha miġjuba fil-konfront taghhom u dawn għalhekk ġew sodisfaċentement pruvati.

Illi, meta tiġi biex tikkunsidra l-piena li għandha tiġi nflitta fil-konfront tal-imputati, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: il-fedina penali tal-imputati (Dok. “LB 4” u Dok. “LB 9”), l-ammissjoni bikrija taghhom, in-natura tal-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputati li l-Qorti tqis li huma ta’ natura serja essendo rejati li jolqtu s-sigurta’ tal-Istat.

Għal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 5 tal-Kapitolu 61 tal-Liġijiet ta’ Malta u Artikolu 189 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, fuq ammissjoni, issib lill-imputati **Rong Xie u Deyu Jia** ħatja tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba fil-konfront taghhom u tikkundannahom ghal perijodu ta’ sitt (6) xhur priġunerija kull wahda.

Fir-rigward tat-talba tal-Prosekuzzjoni kif kontenuta fiċ-*charge sheet* fejn il-Qorti ġiet mitluba sabiex, f'każ ta' ħtija, tikkundanna lill-imputat għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tiċħad tali talba stante li ma jirriżultax li gew imqabbda l-ebda esperti jew periti fil-proċeduri.

**Dr. Noel Bartolo**
**Maġistrat**

Mario Spiteri - Deputat Reġistratur